

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/935/ĠAI**tat-30 ta' Novembru 2009****li tiddetermina l-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom il-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/371/ĠAI tas-6 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) ⁽¹⁾ (id-"Deċiżjoni Europol") u b'mod partikolari l-Artikolu 26(1)(a) tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/934/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 li tadotta r-regoli implimentattivi li jirregolaw ir-relazzjonijiet tal-Europol mal-imsieħba, inkluż l-iskambju ta' data personali u informazzjoni kklassifikata ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikoli 5 u 6 tagħha,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) Hija r-responsabbiltà tal-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata wara li jikkonsulta lill-Parlament Ewropew, li jiddetermina, fl-lista, l-Istati terzi u l-organizzazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 23(1) tad-Deċiżjoni Europol li magħhom l-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet.
- (2) Hija r-responsabbiltà tal-Bord ta' Amministrazzjoni li jipprepara dik il-lista.
- (3) Huwa opportun li tkun prevista proċedura li tistabbilixxi l-mod li bih Stati terzi u organizzazzjonijiet addizzjonali jistgħu jiddiedu mal-lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom l-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. F'konformità mal-Artikolu 23(2) tad-Deċiżjoni Europol, l-Europol għandu jikkonkludi ftehimiet mal-Istati terzi u l-organizzazzjonijiet li ddaħħlu fil-lista tal-Anness għal din id-Deċiżjoni. L-Europol jista' jagħti bidu għall-proċedura għall-konklużjoni ta' ftehim hekk kif l-Istat terz jew l-organizzazzjoni tiddaħħal fil-lista. L-Europol għandu jagħmel dak kollu li jista' biex jiġi konkluż ftehim ta' kooperazzjoni ma' Stati terzi u organizzazzjonijiet li jippermetti l-iskambju ta' data personali, sakemm ma jkunx ġie deċiż mod ieħor mill-Bord ta' Amministrazzjoni.

2. L-Europol għandu jagħti prijorità lill-konklużjoni ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni ma' Stati terzi u organizzazzjonijiet li ddaħħlu fil-lista, b'kont meħud tal-bżonnijiet operattivi tal-Europol u r-riżorsi umani u finanzjarji disponibbli. Il-Bord ta' Amministrazzjoni jista' jipprovdi lid-Direttur bi kwalunkwe struzzjonijiet oħra dwar in-negozjar ta' ftehim speċifiku kif iquis meħtieġ.

3. Id-Direttur għandu jinforma lill-Bord ta' Amministrazzjoni fuq bażi regolari dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati li jkun għaddejnin ma' partijiet terzi u kull sitt xhur għandu jippreżenta rapport dwar il-progress.

Artikolu 2

1. Membru tal-Bord ta' Amministrazzjoni jew l-Europol jista' jipproponi li fil-lista jiżdied Stat terz jew organizzazzjoni ġdida. Meta jagħmlu hekk, huma għandhom ifissru fil-qosor il-bżonn operattiv għall-konklużjoni ta' ftehim ta' kooperazzjoni ma' dak l-Istat terz jew organizzazzjoni.

2. Il-Bord ta' Amministrazzjoni għandu jiddeċiedi jekk jipproponix lill-Kunsill jew le biex jiżdied fil-lista dak l-Istat terz jew l-organizzazzjoni.

3. Il-Kunsill għandu jiddeċiedi dwar iż-żieda tal-Istat terz jew l-organizzazzjoni ġdida fil-lista billi jemenda l-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2010.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

B. ASK

⁽¹⁾ ĠU L 121, 15.5.2009, p. 37.⁽²⁾ Ara paġna 6 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

ANNEX

Lista ta' Stati terzi u organizzazzjonijiet li magħhom l-Europol għandu jikkonkludi fehimiet:

1. Stati terzi (f'ordni alfabetika):

- Albanija
- Awstralja
- Bolivja
- Bożnja-Herzegovina
- Ċina
- L-Ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja (FYROM)
- Indja
- Iżlanda
- Iżrael
- Kanada
- Kolumbja
- Kroazja
- Liechtenstein
- Marokk
- Moldova
- Monako
- Montenegro
- Norveġja
- Perù
- Russja
- Serbja
- Stati Uniti tal-Amerika
- Turkija
- Ukraina
- Żvizzera

2. Organizzazzjonijiet (f'ordni alfabetika):

- ICPO-Interpol
 - Organizzazzjoni Dinjija tad-Dwana
 - Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti kontra d-Droga u l-Kriminalità (UNODC)
-